MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 519/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul D'Amato**

**Vs**

**Untours Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Qatar Insurance Company**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu 2002 fejn is-socjeta' attrici titlob sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1140 (elf mija u erbghin Lira Maltin) rapprezentanti ta' danni sofferti fir-residenza ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Fil-5 ta' Dicembru 2000 vettura assikurata mal-kumpanija konvenuta u misjuqa mill-assikurat taghha Bartolo baqghet diehla fir-residenza ta' Paul D'Amato assikurata taht il-Polza 163-22386 mal-kumpanija attrici, cioe' r-residenza Casa d'Amato, Triq il-Velleran, Fgura, u kkagunatilha hsara kbira.

Skond il-perit Mariello Spiteri mqabbad mill-kumpanjija attrici din il-hsara kienet tammonta ghal circa elf u hamsin lira Maltin (Lm1050). Fil-fatt il-kumpanija sburzat elf u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1075) flimkien ma' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65) ghar-rapport peritali hawn unit u markat Dok A. – b'kollox elf mija u erbghin lira Maltin (Lm1140).

Il-kumpanija konveuta meta interpellata anke b'ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2001, ghalkemm accettat ir-responsabilta', offriet biss is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) li ma kienitx accettabli.

Ghalhekk il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-kumpanija konvenuta nominee biex thallasha in linja ta' danni s-somma ta' elf mija u erbghin lira Maltin (Lm1140) fuq imsemmija sburzata mill-kumpanija attrici taht il-polza fuq imsemmija ghar-ragunijiet fuq indikati, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2001 u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-istess data kontra l-kumpanija konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:
It-talba qed tigi kontestata ghax dak mitlub hu quantum eccessiv kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni.

Ikkonsidra:
Illi l-konstazzjoni unika f'din il-materja tikkoncerna l-valur tas-sostituzzjoni jew almenu tar-riparazzjoni tal-bieb tal-garaxx.

Illi hija sintomatica x-xhieda ta' Anthony Amaira, Anton Farrugia u Charles Attard mis-socjeta' konveuta. Kienu

xhieda okulari tajbin tal-allegati hsara kagunata lill-assikurat tas-socjeta' attrici. Dawn ma skontraw l-ebda bieb motorizzat, u l-mutur li xtaqu mieghu kien antikwat.

Da parti ta' l-attur, ir-rapport tal-perit taghha u l-istess assigurat jindikaw ir-rapport. Il-perit qaghad fuq l-istess assigurat. Pero' x-xhieda tal-assigurat D'Amato ghadha tigi konsidrata fid-dawl tax-xhieda fuq indikati. Ma gab l-ebda prova in sosten tal-pretensjoni tieghu, aktar u aktar meta kellu a konjizzjoni tieghu lid in kienet il-kontestazzjoni principali. L-oneru tal-prova jispetta lill-attur. Is-socjeta' konvenuta assumiet fuqha ir-responsabbilta' li l-pretnzjoni attrici ma kienetx wahda gustifikata jew accetabbli. Jirrizulta lit-Tribunal li dan l-oneru gie ezukit minnha.

Ghar-rigward ta' l-quantum tad-danni is-somma mitluba ta' Lm1140 (elf mija u erbghin lira Maltin) ghandha titnaqqas bil-prezz tal-bieb ossia Lm580 (hames mija u tmenin lira Maltin) cioe' Lm560 (hames mija u sittin lira Maltin). Is-socjeta' konvenuta offrit Lm600 (sitt mitt lira Maltin) ghas-saldu. It-Tribunal arbitrio boni viri jitella' s-somma ghal Lm750 (sebgha mija u hamsin lira Maltin) billi a rigward tal-bieb ma gie addebitat xejn iktar. Jiddeciedi billi jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm750 (sebgha mija u hamsin lira Maltin) bl-interessi mid-data tal-avviz u in vista tal-fatt li s-somma giet offruta pero` mhux depozitata, l-ispejjes jibqghu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------